MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 166/2009

**A B f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D nominata b'digriet tal-1 ta' Gunju 2010**

**-vs-**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-5 ta' Gunju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-18/11/2003 u minn dan iz-zwieg twieled tifel jismu C D li ghandu tlett (3) snin;

Illi dan iz-zwieg tfarrak minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat fosthom abbandun, adulterju u bigamija.

Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Civili) Nota Nru 159/2009;

Illi l-partijiet ghandhom separazzjoni tal-akkwisti u d-dar matrimonjali hija proprjeta' esklussiva tal-esponenti;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi B u D tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju, swat u abbandun u eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-intimat;

Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-intimat huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili l-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenut;

Tiffissa retta alimentarju jew manteniment u l-modulatijiet tal-hlas tal-istess, favur ir-rikorrenti u favur il-minuri C;

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C D tkun f'data esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B u D u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendi bin-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta' qasma;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu l-istess A B giet nominata kuratrici ad litem tal-minuri binha C D.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Gunju 2010 li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi tal-assenti zewgha E D l-Avukat Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.

Rat ir-risposta tal-imsemmija kuraturi fejn dawn eccepew:

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza, pero’ jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat id-dokumenti.

Rat l-affidavit.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta r-rikorrenti f’din il-kawza zzewget lil E D, ta’ nazzjonalita’ Libjana u minn dan iz-zwieg twieled binhom C D. Jirrizulta pruvat illi r-ragel telaq lejn pajjizu u abbanduna lil martu u lil ibnu. Meta rnexxielha tikkomunika mieghu, ir-rikorrenti, dan infurmaha li kien izzewweg mara ohra fil-Libja. Qatt ma rega’ gie lura u lanqas ma’ mantna la lil martu u lanqas lil ibnu.

Bejn il-partijiet qatt ma ezistiet komunjoni tal-akkwisti u d-dar matrimonjali hija proprjeta’ esklussiva tal-mara. Ma ngabet lill-Qorti ebda prova ta’ dhul tal-missier. Lanqas ma ngabet prova tal-mezzi tal-omm. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tiffissa “arbitrio boni vini” l-ammont ta’ mitejn Ewro (€200) kull 4 gimghat bhala alimenti ghall-istess minuri flimkien ma’ mitejn Ewro (€200) ohra kull 4 gimghat bhala manteniment ghall-mara.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn A B u E D u dan minhabba abbandun da parti ta' E D;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li E D ghandu jghaddi lil martu ghaliha s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat u ghall-minuri s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat ukoll;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna l-kura u kustodja tal-minuri C D tigi fdata esklussivament f'idejn ommu A B;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn E D.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------